PDF Compressor Pro





*L-Arċisqof Peter Kairo waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Jidhru wkoll il-Kanonku Michael Galea, mill-Għarb (xellug) u d-Direttur tal-Moviment, Mons. George Grima*

# L-Arċisqof Kairo jagħmel żjara f'Għawdex

L-Arċisqof Peter Kairo mill-Arċidjoċesi ta' Nyeri Kenya kien Għawdex fuq żjara lill-Moviment Missjunajru Ġesù fil-Proxxmu, fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda. Ġie milqugħ mid-Direttur ta' dan il-Moviment Mons George Grima, mir-Rabat, Għawdex. Mons. Kairo qabel ma sar Arċisqof kien jaħdem ħafna mal-Moviment Missjunarju fid-djoċesi ta' Nakuru, fejn hemm ħafna proġetti għat-tfal foqra bl-appoġġ tal-Moviment Missjunarju.

Fost il-postijiet li żar l-Arċisqof Kairo mar iqaddes fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu fejn ġie milqugħ u f'xi ħin imdawwar ukoll mal-mużew tas-Santwarju, mir-Rettur Dun Gerald Buhagiar. Mons. Kairo ingħata wkoll tifkira tal-okkażjoni.



*L-Arċisqof Kairo jidher jiġi mdawwar mal-mużew tas-Santwarju minn Dun Gerald Buhagiar*

# *Kunċert mill-Chorus Urbanus*

Iċ-Ċentru f'Għawdex tal-Università ta' Malta għadu kemm iċċelebra għeluq l-20 Anniversaju mit-twaqqif tiegħu. Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ġie organizzat kunċert li fih ġie mistieden jipparteċipa l-kor Chorus Urbanus taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr John Galea, li hu l-Kap tad-Dipartiment tal-Mużika, Sezzjoni tal-*Performing Arts* fl-Università ta' Malta. Fuq inizjattiva ta' Prof. Joe Friggieri, li għadu kemm ġie nominat Pro-Rettur tal-*Campus* t'Għawdex, il-Kor ippreżenta numru ta' siltiet operistiċi mill-pinna ta' Donizetti u Verdi bil-parteċipazzjoni tas-solisti Yvonne Galea (sopran). Charles Vincenti (tenur) u Noel Galea (baxx).

Il-kor fetaħ l-impenji tiegħu b'kompożizzjoni lokali, *Pacem in Maribus*, li ġiet esegwita bħala memorja tal-Professur Charles Camilleri u l-Professur Peter Seracino Inglott, li ħallew din id-dinja xi żmien ilu. Din is-silta għal erba' vuċijiet a capella, kienet ġiet komposta mużikalment u lirikament minn dawn iż-żewġ professuri rispettivament. Matul il-kunċert, il-kor kien akkumpanjat fuq il-piano minn Maria-Elena Farrugia.

Barra l-interventi mużikali tal-kor, kien hemm diskorsi tal-okkażjoni mill-Ministru t'Għawdex, Giovanna Debono, Anton Tabone, eks-Ministru għal Għawdex, li kien il-moħħ wara dan il-proġett, mir-Rettur tal-Università, il-Professur Juanito Camilleri kif ukoll mill-Professuri Michael Briguglio u Joe Friggieri.

Iċ-Ċentru t'Għawdex tal-Università ta' Malta ġie mwaqqaf fl-1992 bl-iskop li jagħmel it-tagħlim f'livell terzjarju aktar aċċessibbli għall-Għawdxin. Iċ-Ċentru t'Għawdex joffri korsijiet kemm li jwasslu għal diploma kif ukoll oħrajn itwal li jwasslu għal *degree*. Il-bini li qed jintuża miċ-Ċentru t'Għawdex kien ġie mibni f'nofs is-seklu 19 u għal diversi snin serva bħala sptar. Hu ġie eventwalment trasformat bħala stabbiliment Universitarju filwaqt li nżammet l-istess struttura oriġinali. Dan il-proġett kien wieħed mill-ewwel proġetti tal-Ministeru t'Għawdex u kien inawgurat mill-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, Dr Edward Fenech Adami, f'Mejju 1996.



*Il-Kor Chorus Urbanus waqt il-Kunċert fiċ-Ċentru f'Għawdex tal-Università ta' Malta*

## *MINN GĦAWDEX*



*ma'* ***Charles Spiteri***



*Ir-restawratur Manwel Żammit jidher waqt ix-xogħol ta' konservazzjoni u restawr fuq il-vara tal-Madonna tar-Rużarju*

# Restawr tal-Madonna tar-Rużarju

Ir-restawratur Manwel Zammit għamel xogħol ta' konservazzjoni u restawr fuq il-vara tal-Madonna tar-Rużarju tal-parroċċa tax-Xagħra. Il-vara hija magħmula mill-kartapesta u għad għandha l-polikromija fl-istat oriġinali. Ix-xogħol prinċipalment kien jikkonsisti fit-tindif mill-għabra li nġabar matul is-snin u li kien qed jagħmel ħsara lid-dehra ġenerali tal-vara.

Il-vara hija xogħol tal-fabbrika Louis Ramat ta' Marsilja, Franza. Din waslet ix-Xagħra fl-1903. Il-vara tinħareġ proċessjonalment kull l-ewwel Ħadd ta' Ottubru. Fil-fatt, nhar il-Ħadd 7 ta' Ottubru, fil-5.00 ta' filgħaxija, fil-Knisja Bażilika, l-E.T. Monsinjur Joseph Alessandro, OFM, Kapp., Isqof Koadjutur ta' Garissa, mexxa Konċelebrazzjoni Solenni flimkien mas-Saċerdoti u l-Arċipriet tal-Parroċċa, Mons. Carmelo Refalo. Kanta l-*Kor Voci Angeliche*. Wara l-omelija tal-okkażjoni, ingħata l-mandat lill-Katekisti. Wara ħarġet il-purċissjoni, bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju, li għaddiet mit-triqat 28 ta' April, San Ġużepp u Triq il-Knisja.

Peress li jeżizti Ġemellaġġ bejn ix-Xagħra u Garissa, li 27 sena ilu, kien ta' bidu għalih l-E.T. Monsinjur Pawlu Darmanin OFM, Kapp., fejn minn żmien għall-ieħor il-Parroċċi rispettivi jgħinu lil xulxin kemm spiritwalment kif ukoll materjalment, saret ġabra li telgħet 4,000 euro u li ġew ippreżentati lill-E.T. Mons. Joseph Alessandro sabiex jintużaw għall-bżonnijiet tal-missjoni tagħhom f'Garissa.